# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

# MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A LL.D.

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Keith Pace**

**Illum 28 ta' Frar 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Keith Pace** detentur tal-karta tal-identita' numru 0508087M:

Akkuzat talli  nhar il-25 ta' Ottubru 2017 ghall-habta ta' bejn s-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs) u t-tmienja nieqes ghoxrin ta'

filghaxija (19:40hrs), gewwa z-Zejtun ikkommetta serq ta' madwar 850 Euro fi flus kontanti, ghad-detriment ta' Sebastiana Carabott u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-*lok* u bil-*hin*.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Ottubru elfejn u ghoxrin (2020) fejn fiha nghata l-kunsens sabiex dan il-kaz jinstema' bi procedura sommarja.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Semghet il-provi kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat Keith Pace gie akkuzat talli seraq envelop kontenenti flus kontanti wara li certa Sebastiana Carabott waqalha meta marret biex tiddepozita dan l-envelop tal-bank APS.

## XHIEDA

Xehed l-**Ispettur Roderick Attard** fejn xehed illi fl-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017) kienet giet tirraporta certa Sebastiana Carabott fejn din kienet qalet li tilfet envelop tad-depozitu tal-bank APS. Dan jghid illi wara li gab il-filmat ta' dak il-hin mill-bank ikkoncernat u hadu s-sezzjoni tal-forensika fi hdan il-pulizija, haseb illi s-suspettat kien certu Patrick Scicluna. Wara li semghu u nnega kollox, l-Ispettur jghid illi ma kienx konvint li dan Scicluna kien il-halliel u ghalhekk wara li rega' ra l-filmat hargu stills ohra ta' persuna ohra (Dok RA6). Meta l-ufficjal prosekutur wera dan il-filmat lill-allegata vittma din gharfet lil gar taghha Keith Pace li allegatament gabar l-envelop wara ftit minuti li dan kien waqalha. Ix-xhud jghid illi meta baghat ghall-imputat jghid illi kien minnu li kien gabar envelop izda dan ma kellux flus fih.

Xehdet ukoll Sebastiana Carabott li tghid illi hija kienet ghamlet rapport l-ghassa taz-Zejtun fejn kienet tilfet envelop kontenenti tmien mija u hamsin ewro meta kienet qieghda l-bank APS biex tiddepozitah. Hija ndunat b'dan peress illi meta marret tara dahlulhix il-flus il-bank qalulha li hija kienet dahlet envelop vojt fil-magna. Hija tghid illi dan gara fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru elfejn u sbatax. Din tghid illi wara li kienet ghamlet rapport kien inghadda minn diversi spetturi sakemm baghtu ghaliha l-pulizija u fejn kienet identifikat lil Patrick Buhagiar ghaliex kienet tafu minn Haz Zabbar. Tghid illi l-pulizija mbaghad kienu wrewha sett iehor ta' ritratti fejn kienet gharfet lil Keith Pace peress li kien gar taghha.

Xehed rapprezentant tal-Bank APS Glenn Simpson fejn ikkonferma bil-gurament il-filmat esebit bhala Dok. RA8. Dan jghid illi dan il-filmat kien datat ghaxra (10) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017) izda d-data giet korretta ghall-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tal-istess sena.

Xehed ukoll PC 916 Samuel Veneziani fejn ikkonferma li kien hu li gabar il-filmat mertu ta' dawn il-proceduri biex imbaghad ghaddieh il-forensika. Huwa esebixxa r-rapport u gie mmarkat

bhala Dokument SV1. PS1547 Andrea Camilleri kkonferma dan ir-rapport.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-unika prova illi l-prosekuzzjoni ghandhom kontra l-imputat huwa l-filmat li gie elevat mill-prosekuzzjoni u li nghata lit-Taqsima tal-Forensika tal-Pulizija.

Illi mill-ewwel din il-Qorti tippuntwalizza li din il-prova hija monka mill-elementi essenzjali ghall-validita' tal-istess u dan minhabba l-fatt illi qatt ma gie kkonfermat u validat minn espert nominat mill-Qorti ghall-awtenticita' tieghu. Dan qed jinghad in vista tal-fatt illi mill-investigazzjoni hargu zewg profili ta' suspettati u filmat li l-ewwel kellu data partikolari li ma kinitx id-data tal-allegat reat u mbaghad data ohra. Illi ghalhekk din il-Qorti ma jistax ikollha c-certezza legali li dan il-filmat jirreferi ghall-hin u d-data tal-allegat reat.

Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal hawn fuq, din il-Qorti ma hijiex ugwalment konvinta li l-imputat kellu l-*mens rea* necessarja ghar-reat ta' serq u dan ghaliex anke li kieku kien minnu li l-imputat gabar dan l-envelop, dan il-fatt ma jikkostitwix necessarjament ir-reat ta' serq izda kif qalet ben tajjeb id-difiza tista' tikkostitwixxi l-kontravvenzjoni meta ssib xi haga ta' xi hadd u ma tirrapurtahiex lill-pulizija li tali kontravvenzjoni kienet ilha preskritta mal-prezentata ta' din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi ma tistax issib lill-imputat Keith Pace hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minnha.

______________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**